

Brussell, 22 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15118/23  
ADD 1

RECH 488  
COH 78  
COMPET 1081

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	14647/23 <i>Thejġja tal-Kunsill (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) tas-7 u t-8 ta' Diċembru 2023</i> Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni - Approvazzjoni = Dikjarazzjoni mill-Ungerija

---

**Dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tar-rwol u l-impatt tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni**

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenni u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri 2020-2025" imsemmija fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni* għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru.

---